**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 23**

**Avviz Nru: 1212/01 AE**

**Marica Cernigliaro**

**vs**

**Godwin Guntrip**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200), rapprezentanti somma mhallsa minnha lill-konvenut bhala depozitu ghax-xirita' vettura tal-marka Subaru bin-numru LCC 369, liema bejn ma sehhx u l-konvenut kien obbliga ruhu li jirrifondi l-ammont fuq imsemmi izda baqa' inadempjenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2001 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:

1. Il-konvenut huwa l-propjetarju tas-showroom Godwin Auto Dealer.

2. Fl-10 ta’ Mejju 2001 l-attrici xtrat minghand il-konvenut vettura tal-marka Subaru bin-numru ta’ registrazzjoni LCC 369. Jirrizulta li hija hallset is-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) bhala hlas akkont, u l-bilanc kellu jithallas permezz ta’ pagamenti mensili ta’ hamsin lira Maltin (Lm50).

3. Jidher li granet wara li gie konkluz il-bejgh, l-attrici kellha ripensament u riedet tinhall minn dan il-bejgh.

4. Jirrizulta wkoll li l-kontendenti kienu lahqu ftehim, u sahansitra giet iffirmata l-iskrittura li hemm ezebita a fol 4 tal-process. Il-konvenut, meta gie muri l-iskrittura mit-Tribunal, gharaf il-firma tieghu fuq l-iskrittura. Sahansitra ddikjara wkoll li kien hu stess li ppropona li ssir din l-iskrittura (fol. 10). F’dan il-ftehim insibu konferma li l-partijiet kienu qablu li jhassru l-bejgh tal-vettura in kwistjoni, u sahansitra l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lura s-somma ta’ mitejn lira Maltija fi zmien xahar u nofs. Id-dokument a fol. 4 tal-process gie miktub minn impjegat (Sean Vella) tal-konvenut li kkonferma dan il-fatt.

Kemm il-konvenut u dan ix-xhud insistew li l-ftehim kien fis-sens li l-hlas tal-flus lill-attrici kellu jsir ladarba l-vettura terga' tinbiegh u mhux kif indikat fl-iskrittura a fol. 4 tal-process. F'kull kaz, irrizulta wkoll li sussegwentement il-vettura kienet inbieghet lil terzi.

5. Illum il-gurnata jidher li l-konvenut biddel fehmtu u qieghed jikkontendi li m'ghandu jaghti xejn lill-attrici. Il-konvenut ikkonferma wkoll li huwa biegh il-vettura in kwistjoni u li kien tilef il-flus minn dan il-bejgh.

6. Fil-fehma tat-Tribunal, il-ftehim li gie ffirmat bejn il-kontendenti (fol. 4) huwa cjar u ma jhalli ebda lok ghal interpretazzjoni differenti minn dak li jinghad fl-iskrittura. Il-konvenut huwa marbut li jwettaq il-ftehim, u ghandu l-obbligu li jrodd lura s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) lill-attrici (*pacta sunt servanda*). Huwa stabbilit li *"ghalkemm il-provi orali huma ammessi biex jigu elucidati xi punti oskuri ta' kitba, jew biex tigi impunjata skrittura, dawn il-provi pero' ma jservux biex jispjegaw dak li huwa ga car bizzejjed, amenokke ma jingiebux biex jippruvaw illi kuntratt li fl-apparenza tieghu juri certu negozju guridiku, qieghed jahbi negozju guridiku iehor"* (**Spiridione Attard vs Neg. Joseph Mamo et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 1941). F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal dak li inghad, irrizulta wkoll li llum il-gurnata l-vettura nbieghet mill-konvenut lil terzi. Ghalhekk anke jekk wiehed kellu jadotta t-tezi tal-konvenut, is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) hija ezigibbli mill-attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba ta' l-attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex ihallasha s-somma ta' mitejn lira Malitja (Lm200). L-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**